# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 9**

**Rikors numru 368/18**

**Mansueta Caruana, pensjonanta, bint il-mejtin Giuseppe Bugeja u Carmela nee Magro**

**v.**

**Dr Joseph P.Bonnici u l-Prokuratur Legali Alison Wedge b'digriet tad-19 ta' Frar 2019 gew nominati Kuraturi Deputati ghall-assenti Emanuel Caruana**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' rikors preżentat fil-15 ta' Novembru, 2018 ir-rikorrenti ppreżentat rikors għall-eżekuzzjoni f'Malta ta' sentenza li ngħatat mill-Family Court f'Melbourne l-Awstralja fil-25 ta' Frar, 1987 fil-każ **Caruana**

**v. Caruana** (6017/1986). B'dik is-sentenza l-Qorti fost'affarijiet oħra ordnat li:

> *"That by the 25th day of March, 1987 the husband do all acts and sign all documents necessary to transfer to the wife all his interest in the property of the husband and wife in St Pius V Street, Marsaxlokk, Malta"*.

2. Il-kuraturi wieġbu li m'humiex edotti mill-fatti u li r-rikorrenti mitluba tagħti tagħrif dwar Emanuel Caruana. Żiedu li għandha wkoll tagħti spjegazzjoni għaliex qiegħda tipprova tesegwixxi sentenza li ngħatat fil-25 ta' Frar, 1987 mill-Qorti tal-Familja tal-Awstralja f'Melbourne.

3. F'nota ulterjuri preżentata fis-26 ta' April, 2019 l-intimati nomine ddikjaraw li, *"..... l-punt kardinali li jrid jiġi deċiż huwa jekk is-sentenza Awstraljana hix eżegwibbli hawn Malta ai termini tal-Kap. 12 li hija l-liġi applikabbli bħala lex situs una volta l-proprjeta tinsab hawn Malta"*.

4. Sussegwentement, ir-rikorrenti ppreżentat ittra ta' avukat fl-Awstralja (datata 11 ta' Ġunju, 2019) bil-parir li l-ordni tal-Qorti tal-Familja *".... is not limited by any time frame, such as a Statute of Limitations. The litigant currently disadvantaged by a breach of the Orders may approach the Court at any time to seek the enforcement of the said Orders. For the purposes of clarity, there does not exist a statutory provision which prohibits the execution of this Order dated 25 February 1987.*

*Accordingly, there does not exist any procedure for the 'renewal' of the Orders as such a process is not required"*.

5. Madankollu tqum il-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Appell għandhiex il-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi r-rikors tar-rikorrenti. Materja li din il-Qorti qiegħda tqajjem *ex officio*.

6. Ir-regola ġenerali hi li l-Qorti tal-Appell hi qorti ta' reviżjoni. Madankollu, *".... tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha illi b'disposizzjoni espressa tal-liġi huma mħollijin għaliha"* (Artikolu 44 tal-Kap. 12). Ir-rikorrenti ma semmietx liema hi d-disposizzjoni ta' liġi li tagħti lil din il-Qorti l-kompetenza sabiex tisma' u tiddeċiedi r-rikors sabiex tiġi eżegwita f'Malta s-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Familja f'Melbourne, l-Awstralja.

7. L-Artikoli 826-828 tal-Kap. 12 jirregolaw l-eżekuzzjoni f'Malta ta' sentenzi li huma *res judicata* u li ngħataw minn qorti barranija. L-Artikolu 826 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> *"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, **jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta**, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi".*

8. Il-Qorti ma tista' ssib l-ebda raġuni għalfejn f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell hi l-qorti kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi dwar it-talba għall-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza tal-Qorti tal-Familja ta' Melbourne.

9. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tikkonkludi li m'għandhiex il-kompetenza sabiex tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Familja f'Melbourne, l-Awstralja.

10. Għaldaqstant, ir-rikors tar-rikorrenti ma kellux ikun preżentat f'din il-Qorti iżda fil-Qorti Ċivili li skont l-artikolu 32(2) tal-Kap. 12 *".... taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili ....".* Skont regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.10:*"Lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom jiġu assenjati l-kawżi kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili, u li ma jiġux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni tal-Ġurisdizzjoni Volontarja jew lis-Sezzjoni tal-Kummerċ"*.

11. Regolament 4 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jipprovdi li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tingħata dawk il-kawżi li jkollhom x'jaqsmu ma':

> *"(a) It-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;*
> *(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;*[1]
> *(c) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;*[2]
> *(d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u*
> *(e) L-att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri*[3]*"*.

12. Il-każ tal-lum m'huwiex wieħed minn dawk kontemplati f'regolament 4.

[1] Kap. 48.
[2] Kap. 242.
[3] Kap. 410.

**Għal dawn ir-raġunijiet peress li l-kawża li pproponiet ir-rikorrenti hi ta kompetenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, qiegħda *ai termini* tal-Artikolu 741 tal-Kap. 12 tordna t-trasferiment tal-atti ta' dan il-proċediment quddiem dik il-Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi r-rikors li bih ir-rikorrent talbet l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Frar, 1987 fil-Qorti tal-Familja fl-Awstralja (numru 6017 tal-1986) fl-ismijiet Emanuel Caruana v. Mansueta Caruana.**

**Spejjeż ta' dan id-digriet a karigu tar-rikorrenti.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm